**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 27**

**NHAR IL-ĦAMIS 20 TA' DIĊEMBRU 2012**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetcuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

**TALBA**

Ic- Chairperson qal it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 26 ġew approvati. Ic- Chair person F. Salt propona u l-Membru W. Farrugia ssekonda.

## II RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Mill –Membru Wallace Farrugia**

1. Il- Membru W. Farrugia nforma li huwa iltaqa' mal-Perit responsabbli mill-Proġett tal-Villel fit-telgħa tal-Madliena. Dan il-Perit spjega li ser jsiru Għat-telephone. Dawn ser issiru fit-telgħa tal-Madliena.
   Il-Perit informa wkoll li d-devolpers se jagħmlu kuntatt ma' entitaijiet biex jiġu kkordinati x-xogħlijiet meħtieġa.

2. Il-Membru W. Farrugia staqsa dwar Traffic Calmers ta' Triq il-Madliena. Dwar dan ġie deċiż li ssir laqgħa fuq il-post fil-bidu tas-sena. Sar qbil ukoll li dawn issiru tal-laktsu bi prova. Dawn jridu jsiru skond il-pajnti li kien pprepara l-Perit tal-Kunsill.

3. Il-Membru W. Farrugia nforma wkoll b' tappiera perikoluża tal-WSC fi Triq Esprit Barthet.

**Mill-Membru Alex Chetcuti**

1. Il-Membru A. Chetcuti nforma li l-eżercizzju tal-bozzoz tal-Madliena li kien qed jsir, issa tlesta. Huwa nforma li fi żmien li ġej se jipprova jikkalobra pjan mal-ħaddiema tal-Kunsill ta' kif se jiġu nnumerati dawn il-bozzoz.

2. Huwa nforma li ġa estabelixxa sebgħa postijiet ta' fejn għandhom jitwaħħlu d-doggy bins fil-Madliena.

3. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-ikla tal-Milied se ssir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2013.

**II RAPPORTI MILL-MEMBRI - ikomplu**

**<u>Chair-Person Frank Salt</u>**

1. Ic-Chair Person F. Salt irraporta dwar ħsarat filk-kaptelli ta' fuq il-bankina fi Triq il-Mielaħ kantuniera' ma' Triq Fomm l-Għelliem.

2. Huwa rraporta wkoll dwar l-arblu tad-dawl li qed jegħleb għal ġol-bini tiegħu.

**<u>Vici – Chairperson – Mary Anne Abela</u>**

1. Hija nfurmat li kellha laqgħa mas- Sur Spiteri, rappreżentant ta' l-MRRA, dwar iċ-ċint imġarraf li hemm fejn Buscietta Gardens. Il-Kumitat ġie nfurmat li dan iċ-ċint se jitpoġġa fuq programm.

2. Il-Viċi Chairperson infurmat li fi triq li tagħti għal-Buscietta Gardens, hemm siġra tal-ħarrub li qegħda tkun ta' ostaklu. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jara ta' min hi din is-siġra.

3. Il-Kumitat iddiskuta dwar il-Proġett ta' Landscaping tal-Madliena. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kuntrattur lesta x-xogħol kollu b' mod sodisafaċenti u għaldaqstant għandu jitħallas mill-aktar fis possibli. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel il-kuntatti neċċessarji mal-persuna inkarigata mill-iskemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4. <u>Proġett - It-Taraġ tal-Madliena</u>
   Il-Kumitat ġie nfurmat li sar kuntatt mal-Kuntrattur sabiex jiġi stabilit meta dan se jkompli x-xogħlijiet ta' tarmac fil-Madliena fejn dan informa li x-xogħlijiet se jibdew wara l-festi tal-Milied sabiex ma jinħoloq l-ebda inkonvenjent għar-residenti. Il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament ma' din il-proposta.

5. Il-Viċi Chairperson infurmat li se ssir quddiesa fil-Kappella tal-Madliena nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2012 fid-9.30am. Ġie deċiż li jinxtraw xi galletini u mince pies b'amont ta' €50.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:15pm u sar aġġornament għal Ħamis 31 ta' Jannar 2012 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |